MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 820/2006

**Suncrest Hotels p.l.c.**
**C-8643**
**Vs**

**Unique Travel Ltd**
**C-3818**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont bilancjali ta' elf mitejn tlieta u sittin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1263.21) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn disa mija u tnejn u erbghin Ewro u disgha u erbghin Ewro ccentezmu (€ 2942.49) dovuti mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici rapprezentanti servizzi rezi lis-socjeta' attrici, mitluba u ordnati minnha, flimkien mal-imghaxijiet dovuti sas-17 ta' Lulju, 2006, oltre l-imghaxijiet dovuti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 26 A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2006 bin-numru *4467/2006* ipprezentata mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema procedura giet opposta mis-socjeta' konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi l-ammont pretiz mhux dovut billi:-

(a) Is-socjeta' attrici naqset milli tipprezenta s-servizzi kollha li ghalihom ikkontrattat; u
(b) Minghajr pregudizzju ghal premess qieghed jintalab hlas eccessiv da parti ta'l-istess socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Joseph Mary Gouder, fil-kapacita' ta' *financial controller* tas-socjeta' attrici li tamministra s-*Suncrest Hotel*.

Jispjega li kienu gew avvicinati mis-socjeta' konvenuta sabiex toffrilhom akkomodazzjoni ghal grupp ta' turisti li kienu ser jigu Malta.

Kien sar ftehim fit-18 ta' Ottubru, 2005 rigward il-pakkett li kien qed jigi offrut u mbaghad kien hemm ftehim iehor rigward xi *extras* u dan generalment isir bhala ftehim verbali.

Mill-gruppi kollha li ssemmew fil-ftehim, grupp wiehed kien gie, qaghdu fil-lukanda u tawhom is-servizz. Dan il-grupp kien gie fis-27 ta' Ottubru, 2005 u kienu gew ghall-gimgha.

Ghal dak il-perjodu ma kellhomx ilmenti. Ighid ukoll li wara li l-grupp telaq, kienu baghtu lis-socjeta' konvenuta, zewg *invoices*, wahda li kienet turi l-ammont skond il-ftehim, u l-ohra li kienet tindika l-ammont, inkluz l-*extras*. Kienet intbaghtet ukoll *tax billing* skond il-ligi.

Ix-xhud jikkonferma li kien sar pagament, fid-29 ta' Marzu, 2006 u l-hlas sar akkont u dan wara li damu jigru wara s-socjeta' konvenuta. Wara baqghu jigru warajhom ghall-hlas tal-bilanc u kien hawn li bdew jircievu l-ilmenti.

Ra x-xhieda ta' Rachel Tua, *managing director* tas-socjeta' konvenuta li tispjega li hi kellha tiehu hsieb xi studenti Slovakki li kellhom jirrisjedu fis-*Suncrest Hotel*.

L-ilmenti kienu bdew mill-bidunett u malli kienu marru joqoghodu s-*Suncrest Hotel*, ghall-habta tal-30 ta' Ottubru, 2005, l-istudenti ilmentaw li meta waslu fil-lukanda l-*managament* irrifjutaw li jaghtuhom l-ilma u filghaxija l-ikel tant kien hazin li ma setghux jiekluh u dawk li rnexxielhom jieklu hasshom hazin. Meta rceviet l-ilmenti kienet ikkomunikat ma' certu John Messina, li kien *managing director* tas-socjeta' attrici, u mbaghad kienet nizlet il-lukanda.

Messina kien qalilha li jekk riedu ikel ahjar kellhom ihallsu *extra* u dan meta kien ser ikun hemm dejjem l-istess kok. Il-ftehim kien li kellhom jaghtuhom l-ilma, izda hafna mill-istudenti kellhom jixtru l-flixken tal-ilma minn barra l-lukanda.

Ma tantx kien hemm ilmenti dwar il-*breakfast*, izda kien hemm ilmenti fuq l-ikel ta' filghaxija u l-istudenti kollha kienu lmentaw.

Skond il-ftehim is-socjeta' attrici kellha tipprovdi l-*animation*, izda dan ma sehhx u kienet talbithom sabiex idoqqu xi diski.

Anke l-*pools* kienu mahmugin.

Is-socjeta' attrici kellha tipprovdi tlett *meeting rooms*, izda dawn tant kienu zghar, li kellhom jipprovdu kamra ohra u bhala socjeta' konvenuta kellhom jidhlu fl-ispejjes tal-kamra l-ohra, kif ukoll ta' ghalliema ohra.

Ra x-xhieda ta' Richard Tua, li jokkupa l-kariga ta' *managing director* tas-socjeta' konvenuta u li spjega li s-socjeta' kienet tiehu hsieb *tourist handling* u kellha ftehim mas-socjeta' attrici sabiex takkomoda 75 student hawn Malta, kif ukoll kellhom jipprovdu l-*breakfast*, kif ukoll l-ikla ta' filghaxija.

Kellha tigi provduta ukoll *conference room* sabiex jinghataw il-lezzjonijiet tal-Ingliz u kellu jkun hemm *animation* tul il-gurnata, kif ukoll *parties* filghaxijiet.

Jistqarr li l-problemi bdew mal-wasla taghhom u dan ghaliex ma kienx hemm minn fejn jixtru xi haga x'jixorbu fil-lukanda u dan sas-*6.30 pm*.

Irrizulta ukoll li l-ikel kien hazin u kienu kkomunikaw mieghu t-*tour leaders* li qalulu li dawn l-istudenti ma xtaqux jibqghu f'din il-lukanda.

Kien gie miftiehem li kellu jsir *welcome party* u l-istess lukanda kellha tipprovdi l-muzika u torganizza kollox, pero' kienet naqset li taghmel dan u kienu n-nies impjegati mas-socjeta' konvenuta li kienu hadu hsieb jorganizzaw kollox.

Kien hemm ukoll tlett *conference rooms* li kellhom jigu intuzati ghal-lezzjonijet, izda ma kienux ipprovduhom u ghalhekk kellhom jaghtuhom tlett ikmamar tas-sodda li ma kienux adattati ghal dawn il-lezzjonijiet.

Mal-*management team* tieghu ddecieda li ma kienx hemm alternattiva, ghajr li jhallas lira zejda ghal kull student li kien hemm u dan sabiex l-ikel ikun ahjar.

Jikkonferma li kienu hallsu lis-socjeta' attrici elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm 2500) u cioe' ekwivalenti ghal hamest elef u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin Ewro Centezmu (€ 5823.43) u dan minflok it-tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm 3500) u cioe' ekwivalenti ghal tmien t'elef mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenijn Ewro centezmu (€ 8152.81) u ghalhekk kienu hallsu elf lira Maltin (Lm 1000) cioe' ekwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 2329.37)  anqas. Ighid li dam ma sar il-pagament ghaliex kienet damet ma rceviet il-pagament minghand l-agenzija u mill-iskola proprja.

Is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet zewg pagamenti u mbaghad kien hemm id-dizgwid bejniethom ghaliex is-

socjeta' ma kienitx qed tippretendi li thallas l-ammont shih meta kien gara dak li gara.

Ighid ukoll li kien hallas dan l-ammont ghaliex dak kien il-pagament minghand l-iskola.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Fit-18 ta' Ottubru, 2005, is-socjeta' attrici kienet dahlet fi ftehim mas-socjeta' konvenuta biex toffri servizz ta' akkomodazzjoni ta' studenti mill-Islovakja bejn ix-xhur ta' Ottubru, 2005 sa' Dicembru, 2005 u kellhom jaslu diversi gruppi kull gimgha.

Is-socjeta' attrici kellha toffri akkomodazzjoni a bazi ta' "*half-board*."

Kien hemm ftehim ukoll, li kellhom jigu inkluzi ukoll xi "extras" sabiex l-istess turisti setghu jieklu mill-*buffet breakfast*, kif ukoll mill-*buffet dinner*, li kienet toffri l-lukanda lir-residenti taghha ohra.

Is-socjeta' attrici tinsisti li qatt ma kienet irceviet ilmenti da parti tas-socjeta' konvenuta, hlief meta baghtu l-*invoice*.

Is-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli bir-rati li kellhom jigu applikati ghal kull student li kien ser igib Malta u li kien ser jalloggja fil-lukanda *Suncrest*.

Ftehim irid jigi onorat u ghalhekk Richard Tua, kif ukoll Rachel Tua, ilkoll kkonfermaw li kien hemm diversi problemi li sabu ruhhom fihom, meta waslu l-istudenti Slovakki hawn Malta. Malli waslu ma kienx hemm minn fejn setghu jixtru flixkun ilma fil-lukanda. Bhal ilmenti jsemmu li l-ikel kien hazin hafna tant li lanqas setghu jiekluh.

Sahanistra, Rachel Tua kellha tinzel fil-lukanda sabiex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni u wara li tkellmet ma' John Messina, kienu qablu li jithallsu "*extras*" sabiex l-istudenti

setghu jigu garantiti ikel ahjar u kien ghalhekk li kien dispost li jhallas ghal “*extras*,” basta li jinghataw ikel ahjar.

Is-socjeta’ konvenut tirreferi ghal certi nuqqasijiet ohra, bhal fatt li kellhom ikollhom a disposizzjoni taghhom tlett *meeting rooms*, fejn l-iskop kien li kellhom jigu offruti lezzjonijiet ta’ l-Ingliz. Minflok, kellhom juzaw tlett ikmamar tas-sodda li ma kienux adegwati ghal-iskop li xtaquh.

Suppost, l-istess socjeta’ attrici kellha tiehu hsieb l-“*animation*” ghal “*welcome party*” tipprovdi l-muzika u tiehu hsieb l-organizzazzjoni, izda ma kien sar xejn minn dan da parti taghhom.

Mill-provi prodotti mis-socjeta’ konvenuta jirrizulta li kien hemm diversi intoppi, li jikkonfermaw li s-socjeta’ attrici ma kienitx onorat il-ftehim li kellha mas-socjeta’ konvenuta *in toto*.

L-uniku xhud li pproduciet is-socjeta’ attrici, Joseph Gouder, jikkonferma li qatt ma kien hemm ilmenti, hlief meta s-socjeta’ konvenuta rceviet il-kont.

It-Tribunal jissottolinea, li s-socjeta’ konvenuta kienet konsapevoli tal-kundizzjonijiet li kien hemm fil-ftehim u kif kienet ser thallas lis-socjeta’ attrici ghal akkomodazzjoni tal-istudenti li kienu qed jingabu hawn Malta.

Li kieku kellha xi problema bil-kont kienet tikkontestah mill-bidunett, izda qablet fuq ir-rati u tant hu hekk, li sahansitra hallset aktar minn nofs l-ammont li qed titlob is-socjeta’ attrici. Hallset effettivament, elfejn u hames mija Lira Maltin (Lm2500) u cioe’ ekwivalenti ghal hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmu (€ 5823.43) u dan minflok it-tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm 3500) u cioe’ ekwivalenti ghal tmien t’elef mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenijn Ewro centezmu (€ 8152.81). Pero’ ipprovdiet provi in sostenn tar-raguni ghala hadet din id-decizjoni.

Is-socjeta’ attrici ma tefghetx xi dawl fuq il-posizzjoni taghhom fir-rigward tal-ftehim ezistenti u lanqas ma

tellghet lil John Messina, l-managing director tas-socjeta' attrici sabiex tirribatti l-allegazzjoni li saret minn Rachel Tua, li kellha xi diskuzzjonijiet mieghu.

Dan kien ikun xhud importanti, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, ghaliex zgur li kien ikollu effett fuq il-kredibilita' tax-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta, li zgur fil-mori ta-kawza kienu aktar kredibbli minn dawk ta-socjeta' attrici, li kienu fjakki.

Tenut ta' dan kollu, t-Tribunal ser ikollu jadotta interpretazzjoni wahda u cioe' li bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm ftehim, li ma giex ghal kollox onorat mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta hallset dak li hasset li kien gust in vista tan-nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici.

Meta jigi kkunsidrat li mill-*invoice*, biss biss ghal ikel fuq bazi "*half board*" is-socjeta' attrici kienet qed tippretendi elf tlett mija tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 1372.50) u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef mija u sebgha u disghin Ewro u sitt Ewro centezmi (€ 3197.06), flimkien mal-fatt li qatt ma gew provduti "*meeting rooms*", " izda kmamar tas-sodda", ghal lezzjonijiet ta' l-Ingliz, u ta' dawn kien qed jigu ccargjati mitejn u disghin lira Maltin (Lm 290) u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u hamsin Ewro centezmu (€ 675.52), id-decizjoni tas-socjeta' konvenuta li ma thallasx l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 2329.37) hija wahda ragjonevoli. Wara kollox, talbet servizz shih, li ma giex provdut mis-socjeta' attrici u ta' dan ghandi l-istess ghandha tbati l-konsegwenzi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, filwaqt li jikkonferma l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------